GVERN TA' MALTA
PRIM MINISTRU

17 ta' Marzu 2023

Is-Sur Charles Deguara
Awditur Ġenerali
Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika
Floriana

Għażiż Sur Deguara,

Nikteb b'referenza għall-investigazzjoni tiegħek dwar il-konċessjoni tal-isptarijiet (Karen Grech, St Luke's u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex), li dwarha l-uffiċċju tiegħek diġa' ppubblika żewġ rapporti, u kif inhu pubblikament magħruf mistenni jippubblika t-tielet rapport.

F'dibattitu Parlamentari tal-bieraħ 16 ta' Marzu 2023 dwar Mozzjoni nru 123, jien infurmajt lill-Kamra li kont ser niktiblek sabiex tindaga dwar l-allegazzjoni tal-Oppożizzjoni, li l-Gvern ta' Malta għadda ħlasijiet lil VGH/Steward bħala parti mill-konċessjoni tal-isptarijiet, mingħajr ma VGH/Steward taw lura korrispettiv konsistenti f'servizzi mediċi u servizzi relatati u investiment.

Hemm ukoll self li Steward ħadu mingħand il-Bank of Valletta plc li fuq il-kuntratt relattiv deher ukoll il-Gvern ta' Malta, fejn ġie allegat mill-istess Oppożizzjoni li dan is-self bħal donnu Steward għebu bih bla ma bnew u attrezzaw il-binja ta' Barts/QMUL ġewwa Għawdex, u bla ma qed iħallsu r-ri-pagamenti tas-self a preġudizzju skont l-Oppożizzjoni tal-Gvern ukoll.

L-Oppożizzjoni issa semmiet ċifra ta' €400 miljun bħala li tħallsu mill-Gvern lill-konċessjonarji u li dwarhom ma ngħatax l-ekwivalenti fil-valur f'servizzi mediċi u servizzi relatati u investiment.

Il-Gvern, ukoll bil-mandat li tah il-Parlament fis-16 ta' Marzu 2023, se jkun qed jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jirkupra dawk il-ħlasijiet li gew effettwati, u li dwarhom jirriżultalek li ma ngħatax il-valur tagħhom f'servizzi mediċi u servizzi relatati u investiment.

Għal kull buon fini ninfurmak, kif del resto jirriżulta pubblikament diġa', li l-Kummissarju tat-Taxxi diġa' ħa azzjoni biex jirkupra l-arretrati ta' taxxa dovuti minn Steward u hemm kontestazzjoni legali pendenti quddiem il-Qrati.

Għaldaqstant, nitolbok tinvestiga is-suespost u ġentilment tirrelata dwar l-istess.

Għoddni tiegħek,

**Robert Abela**